**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 2 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 585/2016PA**

**Argus Insurance Aġencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Sergio Costa, u l-istess Sergio Costa**
**vs**
**Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Kunsill Lokali Naxxar, u b'ordni tat-Tribunal mogħti nhar l-Erbgħa 25 ta` Ottubru 2017 ġiet kjamara fil-kawża il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (Water Services Corporation)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-12 ta` Diċembru 2016 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew li nhar is-26 ta` Diċembru 2014 seħħ inċident fi Triq il-Fortizza, tal-Mosta, limiti tan-Naxxar, għall-ħabta tas-1:30am illi bħala konsegwenza tiegħu l-vettura bin-numru ta` reġistrazzjoni KBO 536 proprjeta` tal-attur Sergio Costa sofriet ħsarat; illi dan l-inċident seħħ bħala konsegwenza tan-nuqqas tal-Kunsill konvenut illi jżomm it-triq *de quo* illi taqa' fil-kompetenza tiegħu fi stat xieraq ta` manutenżjoni; u talbu li l-Kunsill konvenut jiġi kkundannat sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta` seba' mija, sebgħa u ħamsin Ewro u disgħin ċenteżmu (€757.90ċ), rappreżentanti in kwantu għas-somma ta` ħamsa u ħamsin Ewro (€55) l-*excess payment* illi l-attur Sergio Costa ħallas in konnessjoni ma' dan l-inċident, u in kwantu għas-somma ta` seba' mija u żewġ Ewro u

disgħin ċenteżmu (€702.90ċ) d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta` dan l-inċident, bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta` April 2016 u tal-ittra uffiċjali li qiegħda tintbagħat lill-Avukat Ġenerali u lis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni kontestament mal-Avviż tat-Talba, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali tat-18 ta` April 2016 sad-data tal-ħlas kontra l-Kunsill konvenut.

Ra r-Risposta tas-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali Naxxar ippreżentata fid-9 ta` Jannar 2017 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) it-talbiet attriċi huma intempestivi billi t-talba tal-Kunsill konvenut magħmula lir-rappreżentanti legali tal-atturi biex jiġu provduti dettalji ulterjuri dwar l-inċident baqgħet ma twegbitx, u minflok infetħet din il-kawża; (ii) il-Kunsill konvenut mhux edott mill-fatti u kemm l-ittra uffiċjali tal-atturi tat-18 ta` April 2015 u anke t-talba odjerna ma jagħtux indikazzjoni tan-nuqqasijiet tal-Kunsill u b'hekk l-istess Kunsill mhux f'posizzjoni jevalwa t-talba għall-ħlas; (iii) jekk jirriżulta lill-Kunsill li huwa għandu iħallas, kwalunwke spejjeż relatati ma' din il-kawża għandhom ibatuhom l-atturi u (iv) mingħajr preġudizzju, il-Kunsill m'għandux iħallas spejjeż relatati mas-surroga tad-drittijiet tal-assigurat Sergio Costa favur il-kumpanija assikuratriċi billi seta` jagħmel it-talba f'ismu mingħajr ma jinvolvi lil terżi bi spejjeż żejda.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li, b'digriet tiegħu tal-25 ta` Ottubru 2017, dan it-Tribunal laqa' t-talba tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, konvenut f'din il-kawża, u sejjaħ f'din l-istess kawża lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Ra r-Risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ppreżentata fil-5 ta` Diċembru 2017 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta fit-termini tal-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili; (ii) preliminjarament ukoll, il-Korporazzjoni mhix leġittima kuntradittriċi għat-talba kif imressqa; (iii) mingħajr preġudizzju, il-Korporazzjoni mhix edotta mill-fatti billi hija qatt ma ġiet interpellata

b'att ġudizzjarju dwar il-mertu ta` din it-talba; (iv) mingħajr preġudizzju wkoll, il-Korporazzjoni eċċepjenti tirrespinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha bħala infondati fil-fatt u fil-liġi; (v) mingħajr preġudizzju wkoll, il-Korporazzjoni mhix responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u f'kull każ jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw id-danni allegati u reklamati b'din il-kawża; (vi) mingħajr preġudizzju wkoll, il-Korporazzjoni m'għandhiex tiġi kundannata tħallas imgħax u spejjeż.

Sema' x-xiehda tax-xhieda mressqa mill-partijiet, u mill-kjamata fil-kawża.

Ra d-dokumenti eżibiti minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Din hija kawża li l-atturi qed jagħmlu kontra l-Kunsill konvenut u l-kjamata fil-kawża għal ħsarat allegatament imgarrba mill-attur Sergio Costa fil-vettura tiegħu tat-tip Toyota RAV4 bin-numru ta` reġistrazzjoni KBO 536 waqt li kien qed isuq fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, fil-limiti tan-Naxxar, minħabba f'tappiera li tidher fil-kopji tar-ritratti eżibiti fl-atti (fol. 21 u 41).

L-atturi ressqu b'xhud tagħhom lil **Diana Healey**,[1] WPC 343, li ppreżentat kopja tal-okkorrenza[2] li rreġisrat fuq li qallha l-attur Sergio Costa dwar dan l-inċident, li skond ma fehmet ġara minħabba f'ħofra. Hija ddikjarat li ma marritx fuq il-post. Fl-okkorrenza hemm riferenza għal *'mall hole'* li t-Tribunal jifhem li għandha taqra *'manhole'*.

L-attur **Sergio Costa**[3] xehed li l-għada tal-Milied tas-sena 2015, kien għaddej mill-Mosta fid-direzzjoni tan-Naxxar, bil-vettura tat-tip Toyota Rav4 bin-numru ta` reġistrazzjoni KBO 536, għall-ħabta tas-1:30am. Fit-triq kien qed isuq waħdu, u t-triq

[1] Ara xiehda, 7.3.2017, fol. 10 sa 11
[2] Fol. 12 sa 14
[3] Ara xiehda, 5.4.2017, fol. 18 sa 19

kienet mudlama. Qal li kien qed isuq b'veloċita` ta` madwar 60km/ħr, u f'salt wieħed ħass daqqa fuq ir-rota tan-naħa tiegħu, ra *warning lights* fuq id-*dashboard*, niżel mill-karozza u sab li kellu daqqa fuq ir-*rim* u t-*tyre*. Ix-xhud qal li t-triq fiha żewġ karreġġjati, fid-direzzjonijiet opposti, u wiesa' wisgħa ta` tlett karozzi ħdejn xulxin. Qal li, fejn ġara l-inċident, kien hemm sprall baxx u ħofra madwaru. Wara l-akkadut, ħa ritratt tal-lok, li ppreżentah bi prova.[4] Qal ukoll li huwa fetaħ *claim*, ħallas l-*excess*, u rċieva l-flus mingħand il-kumpanija assikuratriċi. Ma kienx jaf jgħid kemm irċieva flus.

In kontroeżami[5], l-attur qal li kien jgħaddi minn din it-triq darba kuljum. L-art ma kinetx viżibbli fid-dlam, u hu waqaf xi ħames metri wara li kellu l-inċident. Dwar ir-ritratt eżibit minnu, l-attur qal li fih jidher fejn ħadet id-daqqa r-rota, u saff nieqes ta` *tarmac* mad-dawra tat-tappiera, li huwa jirreferi għaliħa bħala *'ħofra'*. Meta xegħellu l-*warning*, il-vettura setgħet tinstaq biss b' *'safe mode'* u ċioe bil-mod.

L-atturi ppreżentaw tlett kopji ta` riċevuti ta` ħlasijiet għal xogħlijiet fuq il-vettura tal-attur Sergio Costa.[6]

L-atturi ressqu b'xhud tagħhom lil **Niċholas Baldacchino**, *Legal Support Manager* mal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta.[7] Huwa ddikjara li Triq il-Fortizza tal-Mosta hija triq residenzjali u taqa' fil-konfini tar-responsabbilta` tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Xehed ukoll **Walter Vella**[8], *motor surveyor* inkarigat mis-soċjeta` attriċi biex jara u jistma l-valur tal-ħsarat fil-vettura tal-attur Sergio Costa. Huwa ppreżenta kopja tas-*survey report*[9] redatt minnu, bir-ritratti tal-ħsarat li ra fil-vettura. Il-ħlasijiet li effettivament saru biex il-vettura ssewwiet jaqblu mal-istimi tiegħu. Huwa spjega li r-

[4] Fol. 21,
[5] Ara kontroeżami, 6.2.2018, fol. 89 sa 90
[6] Fol. 24 sa 26
[7] Ara xiehda 13.6.2017, fol. 32 sa 33
[8] Ara xiehda, 13.6.2017, fol. 34 sa 35
[9] Fol. 38 sa 40

riċevuti eżibiti mill-attur jikkonsistu fl-ispiża tal-*alloy wheel*, tal-VRT test li sar wara li saru t-tiswijiet u tal-partijiet tal-vettura li nxtraw mingħand l-aġent tal-vettura.

In kontroeżami, Walter Vella xehed li l-ħsara kienet fl-*alloy wheel* u fl-*isteering rack*. Huwa spjega li l-*isteering rack* huwa dak il-mekkanżimu li jiffunzjona billi jdawwar ir-roti lejn naħa u oħra fl-*isteering wheel*. Qal li huwa ssuġġerixxa li l-*alloy wheel* jissewwa, u l-*isteering rack* tinbidel b'waħda ġdida, għal raġunijiet ta` sigurta`, u kellu jsir VRT test biex tiġi verifikata l-ħsara li kien hemm fl-*alloy wheel*. Vella wera l-fehma li din il-ħsara li ra kienet dovuta għal *'daqqa qawwija fuq ir-rim'*[10] *'bħal meta ir-rota tinżel f'xi ħofra jew f'xi gandott u tieħu daqqa 'l isfel u terġa' titla'*.[11]

Il-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar ressaq b'xhud tiegħu lil **Paul Gatt**[12], Segretarju Eżekuttiv fi ħdanu. Huwa ddikjara li t-tappiera li fuqha seħħ dan l-inċident, skond ma jidher mir-ritratt eżibit mill-atturi nfushom, hija tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Sezzjoni tad-Drenaġġ. Skond hu, il-Korporazzjoni hija responsabbli għal din it-tappiera minkejja li tinsab fit-triq.

In kontroeżami, Paul Gatt xehed li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar huwa responsabbli għall-manutenżjoni ta` Triq il-Fortizza tal-Mosta. Qal li, għalkemm it-triq taqa' fil-kompetenza tiegħu, is-servizzi li jkun hemm għaddejjin minnha ma jaqgħux fir-responsabbilta` tiegħu, imma tal-provditur ta` dak is-servizz, pubbliku jew privat. Huwa ċaħad li dak kollu li jidher fil-wiċċ tat-triq huwa responsabbli għalih il-Kunsill Lokali, u semma b'eżempju l-kaxxi tat-telefonija. Bħala proċedura, fejn il-Kunsill jara li jkun hemm servizzi ta` terżi li jkollhom ħsarat jew nuqqasijiet, huma jgħaddu rapport lil min ikun responsabbli mis-servizz, mhux għax obbligati imma biex jaqdu lir-residenti, l-istess kif jagħmlu meta jirċievu lmenti mingħand ir-residenti. F'dan il-każ, ix-xhud ma ftakarx jekk għamlux xi ħaga minn dan fir-rigward tat-tappiera li tidher fir-ritratti eżibiti fl-atti.

---

[10] Ara xiehda, 10.4.2018
[11] Ibid.
[12] Ara xiehda, 25.10.2017, fol. 52 sa 53

Paul Gatt ċaħad li r-ritratt tat-tappiera kien għand il-Kunsill Lokali qabel din il-kawża, u qal li mal-ittra uffiċjali li rċieva l-kunsill kien hemm biss mappa tas-sit mill-ajru.

Il-kjamata fil-kawża Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ressqet b'xhud tagħha lil **Joseph Caruana**[13]. Huwa xehed li jaħdem bħala *Operations Manager,* u bħalissa jinsab addebit fis-sezzjoni tal-*Water Resources*.

Dwar dan l-inċident, ix-xhud qal li mill-verifiki li talab li jsiru ma sabx li l-Korporazzjoni irċeviet ilmenti dwar inċidenti f'din it-triq. Qal li l-uniku xogħol li sar fiha kien fil-bidu ta` Lulju 2014. Huwa pero` kkonferma li t-tappiera li tidher fir-ritratti eżibiti fl-atti hija tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u tintuża għad-Drenaġġ. Qal ukoll li l-Korporazzjoni qed tirrespinġi kull addebitu għaliex ma rċeviet ebda ilment u għaliex ma għandhiex tagħrif li din it-tappiera kellha xi ħaga ħażina. Ix-xhud ipotizza li x-xufier kien għaddej b'veloċita` qawwija, f'żona residenzjali, biex sar dan l-inċident.

L-istess kjamata ressqet ukoll b'xhud tagħha lil **Joseph Muscat**[14], *team leader* mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Huwa qal li mill-verifika li għamel ma rriżultalux li f'xi żmien qbael is-26 ta` Diċembru 2014, jew wara sallum, il-Korporazzjoni rċeviet xi lment dwar tapperia fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, fin-Naxxar.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li l-atturi qed jagħmlu biex jirkupraw spejjeż li nkorrew in konnessjoni ma' ħsarat f'vettura li ġrat waqt li din kienet qed tinstaq fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, fin-Naxxar. Oriġinarjament, l-atturi pproċedew bit-talba tagħhom kontra l-Kunsill Lokali tan-Naxxar, u sussegwentement fuq talba ta` dan, issejjħet fil-kawża l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex twieġeb hija wkoll għal din it-talba. L-atturi jibbażaw it-talba tagħhom fuq responsabbilta` akwiljana.

---

[13] Ara xiehda, 20.3.2018, fol. 92 sa 93
[14] Ara xiehda, 10.4.2018

L-atturi jirritjenu li t-telf li garrbu kien dovut għan-nuqqas tal-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar li jżomm fi stat tajjeb Triq il-Fortizza tal-Mosta, fejn ġara l-inċident. Skond l-atturi, dan in-nuqqas kien jirrigwardja t-*tarmac* madwar tappiera, liema nuqqas jidher mir-ritratti eżibiti minnhom fl-atti ta` din il-kawża.[15]

Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar, filwaqt li ma jiċħadx li ż-żamma fi stat tajjeb ta` din it-triq hija waħda mill-mansjonijiet tiegħu bil-liġi, jirritjeni li talab, pero` ma ngħatax, dettalji dwar it-talba tal-ħlas qabel saret din il-kawża, u allura ma kienx f'qagħda jikkunsidraha. Fil-kors tal-provi, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar involva fil-kwistjoni lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, billi t-tappiera li jingħad li magħha ġrat il-ħsara għandha reġistrat fuqha li tappartjeni lis-sezzjoni tad-Drenaġġ fi ħdan l-istess Korporazzjoni.

Skond il-liġi tagħna, ir-responsabbilta` ċivili f'każ ta` delitt hija regolata bl-**art. 1031** u **1032(2)** tal-Kodiċi Ċivili:

> **1031. …** kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-famiija.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.

Fil-proċediment ċivili, l-obbligu tal-prova ta` fatt imiss dejjem lil min jallegaħ (**art. 562**, Kap. 12), filwaqt li l-attur huwa mistenni jressaq l-aħjar prova li jista` jġib (**art. 559**, Kap. 12), sabiex jikkonvinċi lit-Tribunal, fuq bilanċ ta` probabilta`, dwar il-veraċita` tal-fatti kif allegati minnu.

Il-prinċipji ġenerali tar-responsabbilta` ċivili għad-delitt u l-kważi-delitt fil-liġi tagħna jinsabu spjegati b'mod mill-aktar ċar, u sallum istruttiv, fis-sentenza **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi nomine** (Appell Kummerċjali, 2.3.1962, XLVI.i.477). Meta analiżżat id-disposizzjonijiet fuq ċitati dwar ir-responsabbilta` ċivili

[15] Ara fol. 21 u 41

għad-delitt, dik il-Qorti fissret li, biex tirrikorri din ir-responsabbilta`, l-attur irid jipprova *'tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabbilita` tal-istess fatt għal min ikun għamlu u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt, li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġunat mhux biss lill-vittma tal-att illeċitu, imma anki lil kull min indirettament jirriżenti d-dannu … ħu fatt illeċitu dak kollu li wieħed ma għandux id-dritt li jagħmel u meta nġustament jilledi d-dritt ta` ħaddieħor … Fid-delitt din il-volonta` libera tasal għall-akbar gravita`, jiġifieri l-intenżjoni li ssir il-ħsara; filwaqt li fil-kważi-delitt tibbasta s-sempliċi kolpa. Inveru ħu dan l-element morali, jiġifieri d-dolo fid-delitt u l-kolpa fil-kważi-delitt, li jikkostitwixxi d-differenza bejn il-wieħed u l-ieħor; iżda naturalment mhux bizzejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma ħu meħtig ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.'*

Mill-provi mressqa quddiemu, it-Tribunal jinsab konvint, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li (i) it-triq fejn jidher li ġara dan l-inċident taqa' fil-parametri tar-responsabbiltajiet legali tal-Kunsill lokali tan-Naxxar, konvenut f'din il-kawża, li għandu l-obbligu li jieħu ħsieb jara li din tinżamm f'kull żmien fi stat tajjeb ta` manutenżjoni; (ii) l-istat tat-triq madwar it-tappiera tad-Drenaġġ ma kienx tajjeb, u mir-ritratti eżibiti jidher ċar li kien hemm parti mill-wiċċ tat-*tarmac* madwarha maqlugħ jew imqaxxar, għalkemm mhux ċar kemm kien fond dan it-tqaxxir.

L-attur Sergio Costa, li kien qed isuq il-vettura fil-ħin tal-inċident, jgħid li l-akkadut seħħ bil-lejl, li t-triq mhix imdawwla bizzejjed, u li ħu kien qed isuq b'veloċita` xierqa f'din it-triq residenzjali. Qal ukoll li din it-triq jgħaddi minnha darba kuljum, u li l-ħsara seħħet meta r-rota tan-naħa tiegħu niżlet fil-*'ħofra'* li kien hemm fit-*tarmac* mad-dawra tat-tappiera.

Ir-Regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57) jipprovdi li *'fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenżjoni tagħha għandu jipprovdih għalihom il-Kunsill*

*Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.*' L-**art. 33(1)(a)** tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali ipoġġi fuq il-Kunsill Lokali l-obbligu li jżomm fi stat tajjeb il-kisi u l-asfaltar tat-toroq li għalihom huwa responsabbli. Billi, f'dan il-każ, kemm l-attur innifsu u anke s-*surveyor* Walter Vella xeħdu ċar li l-ħsara ġrat meta r-rota tal-vettura niżlet fi spażju vojt fit-triq mad-dawra tat-tappiera tad-Drenaġġ, u mhux allura bit-tappiera tad-Drenaġġ innifisha, il-kjamata fil-kawża Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mhix leġittima kuntradittriċi u lanqas tista` b'xi mod titqies responsabbli għall-akkadut.

**Regolament 8** tal-istess Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq (L.S. 499.57) jipprovdi kif ġej:

> 8. (1) F'azzjoni kontra l-Awtorità jew Kunsill Lokali dwar korriment jew ħsara li jirriżultaw min-nuqqas tagħhom li jżommu triq fi stat tajjeb, jista` jiġi ppruvat -
> (a) l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali jkunu ħadu ħsieb **li fiċ-ċirkostanzi kollha kif kien ragonevolment meħtieg jiżġuraw li l-parti tat-triq li dwarha tkun qed tittieħed l-azzjoni ma kenitx ta` periklu għat-traffiku**;
> …
> (2) Għall-finijiet ta` difiża taħt is-subregolament (1)(a) il-qorti għandha, b'mod partikolari, tieħu konjizzjoni tal-materji li ġejjin:
> (a) il-**kwalità tat-triq, u t-traffiku li ragonevolment kien maħsub li se jużaha**;
> (b) il-**livell ta` manutenżjoni adatta għal triq ta` kwalità bħal dik** u l-użu tagħha minn dak it-traffiku bħal dik u l-użu tagħha minn dak it-traffiku;
> (ċ) l-**istat ta` tiswija li fih persuna ragonevoli kienet tistenna li ssib it-triq**;
> (d) jekk l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali kienux jafu, jew **b'mod ragonevoli kienx mistenni li jkunu jafu**, li l-kundizzjoni tal-parti tat-triq li dwarha tkun qed tittieħed l-azzjoni setgħet tikkawża periklu għall-utenti tat-triq;
> (e) fejn l-Awtorità jew il-Kunsill Lokali ma kinux b'mod ragonevoli mistennija li jsewwu dik il-parti tat-triq qabel ma nqalgħet il-kawża tal-azzjoni, liema avviżi ta` twissija dwar il-kundizzjoni tagħha tpoġġew fil-post …

Mill-provi prodotti, partikolarment mir-ritratti tat-triq ippreżentati fl-atti, jidher ċar li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar naqas mill-obbligu tiegħu li jiżgura li din il-parti tat-triq tinżamm fi stat tajjeb ta` tiswija, b'mod li ma tkunx ta` periklu għat-traffiku li jgħaddi minnha. Anke jekk, għall-grazzja tal-argument, il-Kunsill ma rċieva ebda lment dwar din il-parti tat-triq, kien jinkombi fuqu l-oneru li jagħmel verifiki perjodiċi fuq l-istat ta` din it-triq, bħall-bqija tat-toroq li għalihom huwa responsabbli, u jieħu ħsieb jirrimedja tempestivament għal nuqqasijiet li jara fihom.

Mill-banda ‘l oħra, it-Tribunal mħuwiex moralment konvint li s-sewwieq Sergio Costa ma naqasx fis-sewqan tiegħu. Skond ma xehed huwa stess, din hija triq residenzjali u jgħaddi minnha darba kuljum. Li jfisser li t-triq jafħa sew, jew imissu jafħa tajjeb. Anke jekk, għall-grazzja tal-argument, din it-triq tħalliet fid-dlam, sewwieq attent u viġilanti, li jaf it-triq – u allura jaf bin-nuqqasijiet li jista` jsib fiha – huwa mistenni li jnaqqas mill-veloċita` u joqgħod attent li jevita kull periklu jew intopp li jantiċipa li jista` jsib fit-triq. Dan jgħodd b’aktar saħħa meta wieħed iqis li l-*‘ħofra’* madwar it-tappiera li jgħid li kkaġunatlu l-ħsara fil-vettura ħadha fin-naħa tiegħu tal-vettura. Mir-ritratti eżibiti ma jirriżultax li din il-*‘ħofra’* madwar it-tappiera kienet kbira, jew fonda, u allura b’attenżjoni u viġilanża xierqa mis-sewwieq, u b’veloċita` imnaqqsa minn min jaf it-triq u n-nuqqasijiet li hemm fiha, wieħed jista` ragonevolment jantiċipa li l-impatt seta` ġie evitat, jew tal-anqas kien ikun iċken, u d-danni anqas. Dan qed jingħad b’mod partikolari fid-dawl tax-xiehda in kontroeżami tas-*surveyor* Walter Vella li l-ħsara li sab fil-vettura kienet dovuta għal *‘daqqa qawwija fuq ir-rim’*[16] *‘bħal meta ir-rota tinżel f’xi ħofra jew f’xi gandott u tieħu daqqa ‘l isfel u terġa’ titla’*.[17]

Hemm imbagħad l-aħħar eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar li m’għandux ibati l-ispiża tal-*claim*, tenut kont li l-atturi naqsu li jagħtuħ informazzjoni sħiħa dwar il-pretensjoni tagħhom, u l-bażi tagħha qabel saret din il-kawża. Mill-provi mressqa quddiem it-Tribunal, jidher li dan filfatt kien il-każ, u li l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ma kellux mod kif jidentifika l-bażi tal-pretensjoni attriċi qabel saru dawn il-proċeduri, u allura lanqas kellu l-opportunita` li jqis iċ-ċirkostanzi kollha, u possibilment il-kontributorjeta` tiegħu għall-akkadut, u b’hekk jagħmel tajjeb għall-parti tiegħu mingħajr il-ħtiega li ssir din il-kawża.

Fiċ-ċirkostanzi kollha, it-Tribunal jidħirlu li jkun ġust u ekwu li r-responsabbilta` għall-akkadut tinqasam nofs bin-nofs bejn l-attur Sergio Costa, bħala s-sewwieq tal-vettura li garrbet il-ħsara, u l-konvenut Kunsill Lokali tan-Naxxar, għajr għall-ispiża tal-claim (*excess*) li għandu jbatiħa l-istess attur.

[16] Ara xiehda, 10.4.2018
[17] Ibid.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din it-talba billi filwaqt li jillibera lill-kjamata fil-kawża Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mill-osservanża ta` dan il-ġudizzju, jilqa' limitatament l-eċċezzjonijiet imressqa mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar sa fejn kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u jiċħadhom għall-bqija, u konsegwentement jilqa' limitatament it-talba attriċi u jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali tan-Naxxar iħallas lis-soċjeta` attriċi Argus Insurance Aġencies Limited nomine s-somma ta` tlett mija, wieħed u ħamsin Ewro ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€351.45ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-lum, u jiċħadha għall-bqija.

L-ispejjeż tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'din il-kawża jitħallsu mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar, filwaqt li kull parti oħra fil-kawża għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**